



Parlament Ewropew


2018 - 2019

# MINUTI

tas-seduta

**tal-Ħamis**

19 ta' April 2018



## TIFSIRA TAS-SIMBOLI UŻATI

*	Proċedura ta' Konsultazzjoni
***	Proċedura ta' Approvazzjoni
***I	Proċedura Leġislattiva Ordinarka: l-ewwel qari
***II	Proċedura Leġislattiva Ordinarka: it-tieni qari
***III	Proċedura Leġislattiva Ordinarka: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att)

## ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI GĦALL-KUMITATI PARLAMENTARI

AFET	Kumitat għall-Affarijiet Barranin
DEVE	Kumitat għall-Iżvilupp
INTA	Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BUDG	Kumitat għall-Baġits
CONT	Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit
ECON	Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
EMPL	Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
ENVI	Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
ITRE	Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija
IMCO	Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur
TRAN	Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
REGI	Kumitat għall-Iżvilupp Reġjunali
AGRI	Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
PECH	Kumitat għas-Sajd
CULT	Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
JURI	Kumitat għall-Affarijiet Legali
LIBE	Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
AFCO	Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
FEMM	Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi
PETI	Kumitat għall-Petizzjonijiet
DROI	Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem
SEDE	Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

## ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI GĦALL-GRUPPI POLITIĊI

PPE	Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani)
S&D	Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fil-Parlament Ewropew
ECR	Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej
ALDE	Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa
Verts/ALE	Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea
GUE/NGL	Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew - Xellug Aħdar Nordiku
EFDD	Grupp tal-Ewropa tal-Libertà u tad-Demokrazija Diretta
ENF	Grupp tal-Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà
NI	Membri mhux affiljati

## Werrej

1. Ftuħ tas-seduta.....	5
2. Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromvovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea (mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa).....	5
3. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ taż-żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa).....	5
4. Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (dibattitu).....	6
5. L-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja - Sitwazzjoni Attwali u Segwitu (dibattitu) .....	7
6. Dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat ta' dritt (dibattitu) .....	7
6.1. Il-Belarussja.....	7
6.2. Il-Filippini.....	8
7. Talba ta' konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Artikolu 137(2) tar-Regoli ta' Proċedura) (approvazzjoni).....	8
8. Dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat ta' dritt (kumplement tad-dibattitu).....	8
8.1. Is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża.....	8
9. Tkomplija tas-seduta.....	9
10. Ħin tal-votazzjonijiet.....	9
10.1. Il-Belarussja (votazzjoni).....	9
10.2. Il-Filippini (votazzjoni).....	10
10.3. Is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża (votazzjoni).....	11
10.4. Is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima * (Artikolu 150 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni) .....	12
10.5. Il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ***I (votazzjoni) .....	12
10.6. L-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ***I (votazzjoni) .....	12

10.7. Il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi ***I (votazzjoni) .....	13
10.8. Linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri * (votazzjoni) .....	13
10.9. Stimu tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2019 – Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (votazzjoni).....	13
10.10. Deċiżjoni għal dħul f'negozjati interistituzzjonali: Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar l-10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju ***I (votazzjoni). 13	
10.11. Deċiżjoni għal dħul f'negozjati interistituzzjonali: Regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali ***I (votazzjoni).....	14
10.12. Il-protezzjoni tal-ġurnalisti investigattivi fl-Ewropa: il-każ tal-ġurnalist Slovakk Ján Kuciak u ta' Martina Kušnírová (votazzjoni).....	14
10.13. Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromvovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea (votazzjoni).....	15
10.14. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ taż-żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (votazzjoni).....	15
10.15. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali (votazzjoni).....	15
10.16. Rapport annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni (votazzjoni).....	15
10.17. Retiċenza dwar it-tilqim u tnaqqis fir-rati ta' tilqim fl-Ewropa (votazzjoni).....	16
10.18. implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (votazzjoni).....	16
10.19. L-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bologna - Sitwazzjoni Attwali u Segwitu (votazzjoni)...	16
11. Spjegazzjonijiet tal-vot.....	16
12. Korrezzjonijiet għall-voti u intenzjonijiet tal-vot.....	17
13. Tkomplija tas-seduta.....	18
14. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta preċedenti.....	18
15. Interpellanzi maġġuri (dibattitu).....	18
16. Deċiżjonijiet dwar ċerti dokumenti.....	18
17. Petizzjonijiet.....	20

18. Dokumenti mressqa.....	21
19. Kalendarju tas-seduti li jmiss.....	22
20. Trażmissjoni tat-testi adottati waqt is-seduta li għaddejja.....	22
21. Għeluq tas-seduta.....	22
22. Interruzzjoni tas-sessjoni.....	23
REĠISTRU TAL-ATTENDENZA.....	25



## MINUTI

IL-ĦAMIS 19 TA' APRIL 2018

PRESIDENZA: Mairead McGUINNESS

*Viċi President*

### 1. Ftuħ tas-seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 09.01.

### 2. Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromvov u d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea (mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromvov u d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2018/2619(RSP))

Id-dibattitu sar fid-data 17 ta' April 2018 (*punt 2 tal-Minuti ta' 17.4.2018*).

Mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa biex jingħalaq id-dibattitu skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura:

— Claude Moraes, fisem il-Kumitat LIBE, dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromvov u d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali (2018/2619 (RSP)) (B8-0189/2018).

Votazzjoni: *punt 10.13 tal-Minuti ta' 19.4.2018*.

### 3. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ taż-żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa)

Dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà: Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ taż-żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (2018/2670(RSP))

Id-dibattitu sar fid-data 17 ta' April 2018 (*punt 18 tal-Minuti ta' 17.4.2018*).

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa sabiex jingħalaq id-dibattitu skont l-Artikolu 123(2) tar-

Regoli ta' Proċedura:

— Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Renate Sommer, Manolis Kefalogiannis, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Sandra Kalniete u David McAllister f'isem il-Grupp PPE; Kati Piri, Victor Boştinaru, Elena Valenciano, Knut Fleckenstein, Eva Kaili, Nikos Androulakis u Miltiadis Kyrkos f'isem il-Grupp S&D; Charles Tannock, Notis Marias, Ruža Tomašić, Eleni Theocharous, Raffaele Fitto f'isem il-Grupp ECR; Nadja Hirsch, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Dita Charanzová, Gérard Deprez, María Teresa Giménez Barbat, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin, Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Patricia Lalonde, Javier Nart, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Ramon Tremosa i Balcells, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen u Hilde Vautmans f'isem il-Grupp ALDE; Bodil Valero u Igor Šoltes f'isem il-Grupp Verts/ALE; Takis Hadjigeorgiou, Dimitrios Papadimoulis, Patrick Le Hyaric, Merja Kyllönen, Neoklis Sylikiotis, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Nikolaos Chountis, Paloma López Bermejo u Kostadinka Kuneva f'isem il-Grupp GUE/NGL; Fabio Massimo Castaldo u Rolandas Paksas f'isem il-Grupp EFDD, dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ ta' żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (2018/2670(RSP)) (B8-0194/2018);

— Charles Tannock, Notis Marias, Monica Macovei, Valdemar Tomaševski, Raffaele Fitto u Ruža Tomašić f'isem il-Grupp ECR, dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fil-każ ta' żewġ suldati Griegi arrestati u detenuti fit-Turkija (2018/2670(RSP)) (B8-0196/2018).

Votazzjoni: *punt 10.14 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*

#### **4. implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (dibattitu)**

Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/99/UE dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni [2016/2329(INI)] - Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern - Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Rapporteurs: Soraya Post u Teresa Jiménez-Becerril Barrio (A8-0065/2018)

Soraya Post u Teresa Jiménez-Becerril Barrio ippreżentaw ir-rapport.

Intervent ta': Elżbieta Bieńkowska (Membru tal-Kummissjoni).

Interventi ta': Jaromír Štětina f'isem il-Grupp PPE, Anna Hedh f'isem il-Grupp S&D, Branislav Škripek f'isem il-Grupp ECR, Nathalie Griesbeck f'isem il-Grupp ALDE, Ernest Urtasun f'isem il-Grupp Verts/ALE, João Pimenta Lopes f'isem il-Grupp GUE/NGL, Gerard Batten f'isem il-Grupp EFDD, Mylène Troszczynski f'isem il-Grupp ENF, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Juan Fernando López Aguilar, Izaskun Bilbao Barandica u Lara Comi.

Interventi skont il-proċedura "catch the eye" ta': Ruža Tomašić, Eleftherios Synadinos, Csaba Sógor, Maria Gabriela Zoană u Notis Marias.

Interventi ta': Elżbieta Bieńkowska, Soraya Post u Teresa Jiménez-Becerril Barrio.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 10.18 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*



## **5. L-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja - Sitwazzjoni Attwali u Segwitu (dibattitu)**

Mistoqsija bi tweġiba orali (O-000020/2018) mressqa minn Petra Kammerevert, f'isem il-Kumitat CULT, lill-Kummissjoni: L-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja - is-Sitwazzjoni Attwali u s-Segwitu (2018/2571(RSP)) (B8-0014/2018)

Krystyna Łybacka (flok l-awtur) daħlet aktar fil-fond dwar il-mistoqsija.

Elżbieta Bieńkowska (Membru tal-Kummissjoni) wieġbet il-mistoqsija.

Interventi ta': Silvia Costa f'isem il-Grupp S&D, Zdzisław Krasnodębski f'isem il-Grupp ECR, li wieġeb ukoll mistoqsija "karta blu" ta' Krystyna Łybacka, María Teresa Giménez Barbat f'isem il-Grupp ALDE, Helga Trüpel f'isem il-Grupp Verts/ALE, Curzio Maltese f'isem il-Grupp GUE/NGL, Patrick O'Flynn f'isem il-Grupp EFDD, Dominique Bilde f'isem il-Grupp ENF, u Michaela Šojdrová.

Interventi skont il-proċedura "catch the eye" ta': Milan Zver, Nicola Caputo, Notis Marias, Ilhan Kyuchyuk, Tania González Peñas, Kostas Papadakis, Lara Comi, Maria Grapini u Bogdan Andrzej Zdrojewski.

Intervent ta': Elżbieta Bieńkowska.

Mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa biex jingħalaq id-dibattitu skont l-Artikolu 128(5) tar-Regoli ta' Proċedura:

Petra Kammerevert, f'isem il-Kumitat CULT, dwar l-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja – sitwazzjoni attwali u segwitu (2018/2571(RSP)) (B8-0190/2018).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 10.19 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*

## **6. Dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat ta' dritt (dibattitu)**

*(Għat-titoli u l-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, ara punt 3 tal-Minuti ta' 18.4.2018.)*

### **6.1. Il-Belarussja**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0197/2018, B8-0199/2018, B8-0200/2018, B8-0201/2018 u B8-0204/2018 (2018/2661(RSP))

Bogdan Andrzej Zdrojewski, Clare Moody, Anna Fotyga, Petras Auštrevičius u Bronis Ropė ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Intervent ta': Krzysztof Hetman f'isem il-Grupp PPE.

PRESIDENZA: Bogusław LIBERADZKI  
*Viċi President*

Intervent ta': Doru-Claudian Frunzuličă f'isem il-Grupp S&D.

Interventi skont il-proċedura "catch the eye" ta': Jiří Pospíšil, Juan Fernando López Aguilar, Marek Jurek, Fabio Massimo Castaldo, Jaromír Štětina u Charles Tannock.

Intervent ta': Cecilia Malmström (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 10.1 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*

## **6.2. Il-Filippini**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0198/2018, B8-0202/2018, B8-0203/2018, B8-0205/2018, B8-0206/2018 u B8-0208/2018 (2018/2662(RSP))

Tomáš Zdechovský, Neena Gill, Charles Tannock, Urmis Paet, Barbara Lochbihler u Miguel Urbán Crespo ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Interventi ta': Seán Kelly fisem il-Grupp PPE, Francisco Assis fisem il-Grupp S&D, Jean-Luc Schaffhauser fisem il-Grupp ENF, u Soraya Post.

Interventi skont il-proċedura "catch the eye" ta': Bogdan Andrzej Zdrojewski, Jean-Paul Denantot, Notis Marias, Ignazio Corrao, Csaba Sógor u Fabio Massimo Castaldo.

Intervent ta': Cecilia Malmström (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 10.2 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*

(B'segwitu għad-dibattitu: ara *punt 8 tal-Minuti ta' 19.4.2018*)

## **7. Talba ta' konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Artikolu 137(2) tar-Regoli ta' Proċedura) (approvazzjoni)**

Il-President iddikjara li ma rċevix talbiet mingħand għadd ta' Membri jew minn grupp jew numru ta' gruppi politiċi li jilhqgħu tal-anqas il-limitu baxx rigward il-votazzjoni ta' talba mill-Kumitat FEMM biex jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħalli jagħti opinjoni dwar id-distakk bejn is-sessi fil-qasam diġitali mħabbra fil-Minuti tal-Erbgħa 18 ta' April 2018 (*punt 9 tal-Minuti ta' 18.4.2018*).

Bi qbil mal-Artikolu 137(2) tar-Regoli ta' Proċedura, din it-talba se titqies bħala approvata.

## **8. Dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat ta' dritt (kumpliment tad-dibattitu)**

(Il-bidu tad-dibattitu: ara *punt 6 tal-Minuti ta' 19.4.2018*)

### **8.1. Is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża**

(*Għat-titoli u l-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, ara punt 3 tal-Minuti ta' 18.4.2018.*)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0191/2018, B8-0207/2018, B8-0209/2018, B8-0210/2018, B8-0211/2018 u B8-0212/2018 (2018/2663(RSP))

Cristian Dan Preda, Norbert Neuser, Hilde Vautmans, Margrete Auken, Bas Belder u Neoklis

Sylikiotis ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Interventi ta': Bogdan Andrzej Zdrojewski f'isem il-Grupp PPE, Elena Valenciano f'isem il-Grupp S&D, Anders Primdahl Vistisen f'isem il-Grupp ECR, Ernest Urtasun f'isem il-Grupp Verts/ALE, Patrick Le Hyaric f'isem il-Grupp GUE/NGL, Ignazio Corrao f'isem il-Grupp EFDD, Sotirios Zarianopoulos Membru mhux affiljat, Soraya Post, Ana Miranda, Miguel Urbán Crespo u Dobromir Sośnierz.

Interventi skont il-proċedura "catch the eye" ta': Jiří Pospíšil, Maria Arena, Sofia Sakorafa, Rosa D'Amato, Michaela Šojdrová, Ana Gomes, Eleonora Forenza, Fabio Massimo Castaldo, Seán Kelly, Jean-Paul Denanot u Julie Ward.

Intervent ta': Cecilia Malmström (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 10.3 tal-Minuti ta' 19.4.2018.*

*(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta sa ma sar il-ħin għall-votazzjonijiet: 12.00.)*

PRESIDENZA: Heidi HAUTALA  
*Viċi President*

## **9. Tkomplija tas-seduta**

Ħin li fih tkomplet is-seduta: 12.04.

## **10. Ħin tal-votazzjonijiet**

Ir-riżultati ddettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, votazzjonijiet separati u votazzjonijiet maqsuma, eċċ.) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet", mehmuż mal-Minuti.

Ir-riżultati tal-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet, fl-anness tal-Minuti, huma disponibbli biss f'verżjoni elettronika u jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit Europarl.

### **10.1. Il-Belarussja (votazzjoni)**

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0197/2018, B8-0199/2018, B8-0200/2018, B8-0201/2018 u B8-0204/2018 (2018/2661(RSP))

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 1)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA RC-B8-0197/2018

(flok B8-0197/2018, B8-0199/2018, B8-0200/2018, B8-0201/2018 u B8-0204/2018):

impressqa mill-Membri li ġejjin:

— Cristian Dan Preda, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Jaromír Štětina, Patricija Šulin, Francis Zammit Dimech, Tomáš Zdechovský, Milan Zver, Jarosław Wałęsa, Csaba Sógor, Mairead

McGuinness, Romana Tomc, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Elisabetta Gardini, Giovanni La Via, Adam Szejnfeld, Michaela Šojdrová, Tunne Kelam, David McAllister, Lars Adaktusson, Krzysztof Hetman, Željana Zovko, Bogdan Brunon Wenta, Sandra Kalniete, Dubravka Šuica, Pavel Svoboda, Ivana Maletić, Laima Liucija Andrikienė, Marijana Petir, Seán Kelly, Deirdre Clune, Andrey Kovatchev, Julia Pitera, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Daniel Caspary, Lorenzo Cesa, Michael Gahler, Alojz Peterle, Fernando Ruas, Inese Vaidere, László Tőkés, Stanislav Polčák, Jiří Pospíšil u José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, fisem il-Grupp PPE.

- Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post u Clare Moody, fisem il-Grupp S&D;
- Charles Tannock, Branislav Škripek, Raffaele Fitto, Ruža Tomašić, Monica Macovei u Anna Elżbieta Fotyga, fisem il-Grupp ECR;
- Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, María Teresa Giménez Barbat, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin, Ivan Jakovčić, Petr Ježek, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Marietje Schaake, Jasenko Selimovic, Ramon Tremosa i Balcells, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen u Hilde Vautmans, fisem il-Grupp ALDE;
- Rebecca Harms, Bronis Ropė, Heidi Hautala, Indrek Tarand, Davor Škrlec u Igor Šoltés, fisem il-Grupp Verts/ALE.

Adozzjoni (P8\_TA(2018)0174)

## 10.2. Il-Filippini (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0198/2018, B8-0202/2018, B8-0203/2018, B8-0205/2018, B8-0206/2018 u B8-0208/2018 (2018/2662(RSP))

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 2)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA RC-B8-0198/2018

(flok B8-0198/2018, B8-0202/2018, B8-0203/2018, B8-0205/2018, B8-0206/2018 u B8-0208/2018):

impressqa mill-Membri li ġejjin:

- Cristian Dan Preda, Tomáš Zdechovský, Patricija Šulin, Francis Zammit Dimech, Milan Zver, Csaba Sógor, Mairead McGuinness, Romana Tomc, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Elisabetta Gardini, Giovanni La Via, Adam Szejnfeld, Michaela Šojdrová, Tunne Kelam, Bogdan Andrzej Zdrojewski, David McAllister, Lars Adaktusson, Krzysztof Hetman, Željana Zovko, Bogdan Brunon Wenta, Sandra Kalniete, Elmar Brok, Dubravka Šuica, Pavel Svoboda, Ivana Maletić, Laima Liucija Andrikienė, Seán Kelly, Deirdre Clune, Andrey Kovatchev, Julia Pitera, Marijana Petir, Inese Vaidere, László Tőkés, Stanislav Polčák u Jiří Pospíšil, fisem il-Grupp PPE;
- Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post u Neena Gill, fisem il-Grupp S&D;
- Charles Tannock, Notis Marias, Valdemar Tomaševski, Branislav Škripek, Pirkko Ruohonen-Lerner, Raffaele Fitto, Ruža Tomašić, Monica Macovei u Anna Elżbieta Fotyga, fisem il-Grupp ECR;
- Urmas Paet, Nedzhmi Ali, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao

Barandica, Dita Charanzová, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, María Teresa Giménez Barbat, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin, Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Petr Ježek, Ilhan Kyuchyuk, Patricia Lalonde, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Marietje Schaake, Jasenko Selimovic, Ramon Tremosa i Balcells, Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen u Hilde Vautmans, f'isem il-Grupp ALDE;

— Barbara Lochbihler, Ernest Urtasun, Jakop Dalunde, Davor Škrlec, Heidi Hautala u Igor Šoltés, f'isem il-Grupp Verts/ALE;

— Miguel Urbán Crespo, Anne-Marie Mineur, Merja Kyllönen, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas, Dimitrios Papadimoulis, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Malin Björk, Stelios Kouloglou, Barbara Spinelli u Marie-Christine Vergiat, f'isem il-Grupp GUE/NGL;

— Fabio Massimo Castaldo u Ignazio Corrao, f'isem il-Grupp EFDD.

Adozzjoni (P8\_TA(2018)0175)

### 10.3. Is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B8-0191/2018, B8-0207/2018, B8-0209/2018, B8-0210/2018, B8-0211/2018 u B8-0212/2018 (2018/2663(RSP))

(*Maġġoranza sempliċi meħtieġa*)

(*Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 3*)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA RC-B8-0191/2018

(flok B8-0191/2018, B8-0207/2018, B8-0209/2018, B8-0210/2018 u B8-0211/2018):

impressqa mill-Membri li ġejjin:

— Cristian Dan Preda, Lars Adaktusson, Patricija Šulin, Francis Zammit Dimech, Milan Zver, Csaba Sógor, Tomáš Zdechovský, Jarosław Wałęsa, Romana Tomc, Ivan Štefanec, Eduard Kukan, Elisabetta Gardini, Giovanni La Via, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Krzysztof Hetman, Željana Zovko, Bogdan Brunon Wenta, Sandra Kalniete, Dubravka Šuica, Pavel Svoboda, Ivana Maletić, Laima Liucija Andrikiene, Seán Kelly, Julia Pitera, Inese Vaidere, László Tőkés, Stanislav Polčák, Jiří Pospíšil u Elmar Brok, f'isem il-Grupp PPE;

— Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post u Norbert Neuser, f'isem il-Grupp S&D;

— Charles Tannock, Karol Karski, Ruža Tomašić, Monica Macovei, Anna Elżbieta Fotyga u Anders Primdahl Vistisen, f'isem il-Grupp ECR;

— Hilde Vautmans, Beatriz Becerra Basterrechea, Izaskun Bilbao Barandica, Gérard Deprez, Marian Harkin, Ivan Jakovčić, Patricia Lalonde, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Marietje Schaake u Jasenko Selimovic, f'isem il-Grupp ALDE;

— Tamás Meszerics, Jakop Dalunde, Bart Staes, Helga Trüpel, Alyn Smith, Rebecca Harms, Igor Šoltés, Davor Škrlec u Heidi Hautala, f'isem il-Grupp Verts/ALE;

— Rosa D'Amato, Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao, Laura Agea u Eleonora Evi.

Adozzjoni (P8\_TA(2018)0176)

(Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni B8-0212/2018 iddekadjet.)

**10.4. Is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima \* (Artikolu 150 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima [COM(2017)0783 - C8-0007/2018 - 2017/0349(CNS)] - Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. Rapporteur: Roberto Gualtieri (A8-0124/2018)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 4)*

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adozzjoni b'votazzjoni unika (P8\_TA(2018)0177)

**10.5. Il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu \*\*\*I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li temenda d-Direttiva 2009/101/KE [COM(2016)0450 - C8-0265/2016 - 2016/0208(COD)] - Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji - Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern. Rapporteurs: Krišjānis Kariņš u Judith Sargentini (A8-0056/2017)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 6)*

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI u EMENDI

FTEHIM PROVVIŻORJU

Approvazzjoni (P8\_TA(2018)0178)

**10.6. L-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi \*\*\*I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi [COM(2016)0031 - C8-0015/2016 - 2016/0014(COD)] - Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Rapporteur: Daniel Dalton (A8-0048/2017)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 6)*

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI u EMENDI

FTEHIM PROVVIŻORJU

Approvazzjoni (P8\_TA(2018)0179)

### **10.7. Il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi \*\*\*I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [COM(2014)0180 - C7-0109/2014 - 2014/0100(COD)] - Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Rapporteur: Martin Häusling (A8-0311/2015)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 7)*

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI u EMENDI

FTEHIM PROVVIŻORJU

Approvazzjoni (P8\_TA(2018)0180)

### **10.8. Linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri \* (votazzjoni)**

Rapport dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi [COM(2017)0677 - C8-0424/2017 - 2017/0305(NLE)] - Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali. Rapporteur: Miroslavs Mitrofanovs (A8-0140/2018)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 8)*

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI u EMENDI

Approvazzjoni b'emendi (P8\_TA(2018)0181)

### **10.9. Stimi tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2019 – Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (votazzjoni)**

Rapport dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2019 [2018/2001(BUD)] - Kumitat għall-Baġits. Rapporteur: Paul Rübig (A8-0146/2018)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 9)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adozzjoni (P8\_TA(2018)0182)

### **10.10. Deċiżjoni għal dħul f'negozjati interistituzzjonali: Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar l-10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju \*\*\*I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar l-10 atti legali fil-

qasam tal-istatistika tan-negozju [COM(2017)0114 - C8-0099/2017 - 2017/0048(COD)] - Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Rapporteur: Janusz Lewandowski (A8-0094/2018)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", punt 10)*

## DEĊIŻJONI GĦAL DĦUL F'NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI

Approvazzjoni

*Interventi*

Qabel il-votazzjoni, bi qbil mal-Artikolu 69c, paragrafu 2, subparagrafu 2 tar-Regoli ta' Proċedura, Janusz Lewandowski (rapporteur), li tkellem favur id-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati, u Dan Nica kontra din id-deċiżjoni.

### **10.11. Deċiżjoni għal dħul f'negozjati interistituzzjonali: Regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali \*\*\*I (votazzjoni)**

Rapport dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali [COM(2017)0660 - C8-0394/2017 - 2017/0294(COD)] - Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Rapporteur: Jerzy Buzek (A8-0143/2018)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*

## DEĊIŻJONI GĦAL DĦUL F'NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI

Il-President ikkomunikat li l-Grupp GUE/NGL irtira t-talba tiegħu għal votazzjoni, u kkonstatat li ma tressqet l-ebda talba oħra. Id-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati ġiet għalhekk irtirata mill-ħin tal-votazzjonijiet, bi qbil mal-Artikolu 69c, paragrafu 2 tar-Regoli ta' Proċedura,

### **10.12. Il-protezzjoni tal-ġurnalisti investigattivi fl-Ewropa: il-każ tal-ġurnalist Slovakk Ján Kuciak u ta' Martina Kušnírová (votazzjoni)**

Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Il-protezzjoni tal-ġurnalisti investigattivi fl-Ewropa: il-każ tal-ġurnalist Slovakk Ján Kuciak u ta' Martina Kušnírová (2018/2628(RSP))

Id-dibattitu sar fid-data 14 ta' Marzu 2018 (*punt 14 tal-Minuti ta' 14.3.2018*).

